MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 69/2005

**Joseph u Josette konjugi Zammit**

**-vs-**

**John Mary sive Jimmy Stellini**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew illi huma ghandhom jiehdu s-somma ta' hmistax-il elf erba' mija u ghaxar liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm15,410.98) minghand il-konvenut in kwantu ghal tlettax-il elf, tliet mija u hdax-il lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm13,311.69) bhala kapital u s-somma ta' elfejn disa' u disghin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm2,099.29) bhala interessi fuq l-istess kapital b'effett mid-data ta' l-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet datata disgha (9) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) sad-data ta' l-effettiv pagament. Dan a bazi ta' l-istess skrittura

privata fejn il-konvenut iddikjara ruhu cert u likwidu debitur fil-konfront ta’ l-atturi fl-ammont ta’ hmistax-il elf erba’ mija u tmienja u sittin liri Maltin (Lm15,468) liema ammont kien jirrapprezenta prezz tal-prodotti ta’ l-ikel akkwistati mill-konvenut minghand l-atturi.

Illi l-atturi jridu jithalsu l-ammont dovut minghand il-konvenut jew min minnhom;

Illi dan id-debitu hu wiehed cert, likwidu u dovut u safejn jafu l-atturi, l-konvenut m’ghandu l-ebda eccezzjoni xi jqajjem ghat-talba illi dan il-kreditu ta’ l-atturi ghandu jithallas.

Talbu li din il-Qorti:

1. taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta’ l-artikolu 167 tal-Kodici u Organizazzjoni u Procedura Civli;

2. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ hmistax-il elf erba’ mija u ghaxar liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm15,410.98) oltre l-interessi fuq l-ammont rispettiv b’effett mid-data tat-tmienja (8) ta’ Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra ufficjali datata Settembru 2003 u dawk tal-mandati ta’ sekwestru u qbid kawtelatorji prezentati kontestwalment kontra l-konvenut.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ngunt.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni ta’ l-atturi fejn l-ammont dovut gie ridott bl-ammont ta’ erbat elef lira Maltija (Lm4000) stante pagament fil-mori tal-kawza.

Rat in-nota ta’ ammissjoni ta’ l-attur pprezentata fis-seduta tat-2 ta’ Settembru 2005.

Billi jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati:

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif ridotta ta' hdax-il elf erba' mija u ghaxar liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm11,410.98) oltre l-interessi fuq l-ammont rispettiv b'effett mid-data tat-tmienja ta' Awissu tas-sena 2005 sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali datat Settembru 2003 u dawk tal-mandati ta' sekwestru u qbid kawtelatorji kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------